MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2007

Appell Civili Numru. 8/2007

**Tracy/Shania/Beyonce Camilleri**

**vs**

**Bargain Holidays**

**Il-Qorti,**

Fit-22 ta’ Frar, 2007, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**It-Tribunal
>
> Wara li ha konjizzjoni ta’ l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fil-21 ta’ Awissu 2006 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta’ tliet mija u hamsin Lira Maltin (Lm350) rapprezentanti prezz ta’ titjira diretta bir-ritorn Malta/Leedsbradford/Malta u spejjez ohra.

L-intimat ipprezenta risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Kjamati in kawza kienu British Jet.com u Citadel Insurance.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta' l-intimat li huwa rapprezentant tad-ditta intimata, kif ukoll tal-partijiet kjamati in kawza, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

Ir-rikorrenti xtara biljetti ta' l-ajru ghal titjira diretta bir-ritorn Malta/Leedsbradford/Malta. Minn Malta t-titjira marret East Midlands u l-vjagg ma setax jitkompla minhabba xi hsara li garrab l-ajruplan. Il-vjagg tkompla bil-coach u fil-fatt waslu tard.

L-intimat issottometta illi t-titjira telqet minn Malta u waslet East Midlands kif previst. Fl-airport irrizulta illi l-ajruplan garrab xi hsarat u wara certu hin il-vjagg tkompla lejn Leeds bil-coach.

It-Tribunal jinnota illi kien hemm hsara fl-ajruplan.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte stante li kien hemm dewmien tort tal-hsara fl-ajruplan u ghaldaqstant jordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti s-somma ta' sittin lira Maltija (Lm60) fil-konfront tal-persuna adulta uhamsa u tletin lira Maltin (Lm35) ghal kull wiehed mit-tfal, total ta' mija u tletin lira Maltin (Lm130) bl-ispejjez kontra l-istess intimat."

Minn din is-sentenza appellaw Bargain Holidays u s-socjeta` imsejha fil-kawza bl-identici aggravji ghal dawk ta' l-appell Numru 7/07 fl-ismijiet "Dylan Mallia -vs- Bargain Holidays" deciz minn din il-Qorti fil-31 ta' Ottubru 2007;

F’ din id-decizjoni l-Qorti kienet irravvizat *inter alia* illi l-okkju tas-sentenza ma jaghmel ebda riferiment ghall-persuni kjamati fil-kawza, ossija Britishjet.com u Citadel Insurance p.l.c. Ugwalment, fl-appell prezenti l-qaghda hi l-istess;

A skans ta’ ripetizzjoni tal-konsiderazzjonijiet zvolti fid-decizjoni l-ohra fuq imsemmija, il-Qorti qed taghmel riferenza ghalihom u taghmilhom jghoddu ghal dan l-appell ukoll.

Ghal dawk l-istess motivi, il-Qorti qed thassar u tannulla d-decizjoni tat-Tribunal, bl-ispejjez fic-cirkustanzi jitbatew ugwalment mill-partijiet. Tirrimetti l-atti lura lit-Tribunal sabiex jiddeciedi mill-gdid il-kwestjoni skond il-ligi fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet zvolti fl-appell fl-ismijiet “Dylan Mallia -vs- Bargain Holidays” deciz fil-31 ta’ Ottubru 2007.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------